Nru. 1549

TISMIJA TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.10, il-Prim Ministru ordna t-tismija tat-toroq kif speċifikat u indikat hawn taħt.

No. 1549

NAMING OF STREETS IN MALTA

IN exercise of the powers conferred by Subsidiary Legislation 363.10, the Prime Minister has directed the naming of the streets as specified and indicated hereunder.

Ħ'ATTARD

Ġnien mingħajr isem uffiċjali, li jinsab ġewwa z-zona Tal-Fuklar, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:

ĠNIEN TAL-FUKLAR



BIRŻEBBUĠA

Ġnien mingħajr isem uffiċjali, li jinsab bejn Triq San Tumas u Misraħ ir-Repubblika, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:

ĠNIEN INDIPENDENZA



BIRŻEBBUĠA

Ġnien mingħajr isem uffiċjali, li jinsab bejn Triq F.M. Ferretti u Triq l-Għerien, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:

ĠNIEN IL-KOMUNITÀ TAL-QAJJENZA



BORMLA

Masġar mingħajr isem uffiċjali, li jinsab bejn Triq Verdala, Is-Sur ta' San Nikola u Triq l-Immakulata, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:


MASĠAR BORMLA



IL-FGURA

Park li se jkun jinsab bejn Triq A.M. Valperga, Triq Sigismondo Savona u Triq Romano Carapecchia, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:

PARK L-INĦAWI



IL-GUDJA

Ġnien mingħajr isem uffiċjali, li jinsab fi Triq Ħal Resqun, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:

ĠNIEN IŻ-ŻGĦAŻAGĦ



IL-KALKARA

Ġnejna mingħajr isem uffiċjali, li tinsab bejn Triq is-Salvatur u Triq ir-Rnella, indikata fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

ĠNEJNET IĊ-ĊKEJKEN ZIAM



PEMBROKE

Ġnien mingħajr isem uffiċjali, li jinsab bejn Triq l-Imħallef William Harding u Triq Burma, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:

ĠNIEN SAN DAVID



IL-QRENDI / L-IMQABBA

Park mingħajr isem uffiċjali, li se jkollu daħla minn Triq l-Imqabba, Il-Qrendi u daħla oħra minn Triq il-Qrendi, L-Imqabba, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:


PARK TAL-MITĦNA



SAN ĠWANN

Ġnien mingħajr isem uffiċjali, li jinsab ġewwa Triq Tal-Balal, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:


ĠNIEN ID-DAKKARA



IŻ-ŻURRIEQ

Ġnien mingħajr isem uffiċjali, li jinsab ġewwa Vjal l-Avjazzjoni, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:

ĠNIEN IL-LABORATORJU TAL-PAĊI



It-30 ta' Settembru, 2025

Nru. 1550

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Notifika ta' Affissjoni ta' Avviż (Deceased Applicant)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont ir-Regolament Nru. 10 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 573.06, twaħħal avviż fuq l-artijiet hawn taħt indikati li permezz tal-istess affissjoni, il-koinkwilini ġja rikonoxxuti in solidum qegħdin jiġu notifikati dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni li saret fuq l-istess art minn koinkwilini oħra. L-applikant huwa responsabbli li jiżgura li l-avviż jibqa' hekk imwaħħal fuq il-post għal ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tat-twaħħil.

30th September, 2025

No. 1550

LANDS AUTHORITY

Notification of Affixation of Notice (Deceased Applicant)

IT is notified for general information that in terms of Regulation No. 10 of Subsidiary Legislation 573.06, a notice has been affixed on the hereunder indicated sites informing co-tenants recognised in solidum with the submission of the application that has been made by other co-tenants on the same land. Applicant is responsible to ensure that the notice is to remain affixed on site for five (5) working days from the date of affixation.